

Lussemburgu, 15 ta' Ottubru 2018
(OR. fr)

12759/18

COAFR 248
CFSP/PESC 918
CSDP/PSDC 554
POLMIL 160
CIVCOM 201
COHAFA 77
COHOM 118

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

Suġġett: Repubblika Ċentru-Afrikana
- Konklużjonijiet tal-Kunsill (15 ta' Ottubru 2018)

Id-delegazzjonijiet isibu mehmużin il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Repubblika Ċentru-Afrikana, adottati fit-3643 laqgħa tal-Kunsill fil-15 ta' Ottubru 2018.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Repubblika Ċentru-Afrikana

1. Is-sitwazzjoni fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (RĊA) tibqa' fraġli ħafna, u l-UE għadha impenjata fl-appoġġ lejn il-pajjiż. Sentejn wara l-konferenza internazzjonali tad-donaturi fi Brussell, l-Unjoni Ewropea (UE) tissottolinja l-ħtieġa li tkompli bl-azzjoni tagħha, permezz tad-diversi strumenti tagħha, biex tgħin lir-RĊA terġa' lura fit-triq tal-istabbiltà, il-paċi u l-iżvilupp u biex jintlaħqu l-aspirazzjonijiet ta' paċi u rikonċiljazzjoni dejjiema tal-poplu Ċentru-Afrikan kollu kemm hu.
2. Il-konsolidazzjoni tal-istituzzjonijiet demokratiċi u r-riforma tas-settur tas-sigurtà, il-ġlieda kontra l-impunità u l-istabbiliment ta' ġustizzja transizzjonali, ir-ritorn tal-istat tad-dritt u tal-koeżjoni soċjali, il-governanza, il-provvista ta' servizzi bażiċi, ir-rilanċ tal-ekonomija kif ukoll l-isfruttament legali u sostenibbli tar-riżorsi naturali jibqgħu fil-pjan direzzjonali tagħna. L-UE tfaħħar l-isforzi li saru mill-President Touadéra u l-gvern tiegħu f'dawn l-oqsma u thegħiġhom biex ikomplu b'aktar determinazzjoni f'din id-direzzjoni.

3. L-UE ttenni l-appoġġ tagħha għall-Inizjattiva Afrikana għall-Paċi u r-Rikonċiljazzjoni taħt l-awspiċċi tal-Unjoni Afrikana, tal-Komunità tal-Istati tal-Afrika Ċentrali, bil-parteċipazzjoni tal-Angola, il-Kamerun, il-Kongo, il-Gabon, is-Sudan u ċ-Chad, u taħt it-tmexxija tal-President Touadéra, bil-għan li jintlaħaq ftehim ta' paċi u ta' rikonċiljazzjoni, jinħolqu l-kundizzjonijiet għal diżarm sħiħ tal-gruppi armati u tissaħħaħ l-awtorità tal-istat fiż-żamma tal-unità u l-integrità tar-RĊA. L-UE tenfasizza l-ħtieġa ta' progress rapidu fl-istadji li jmiss ta' dan il-proċess ta' paċi u rikonċiljazzjoni. Hija tfakkar ukoll fl-importanza tal-involviment inklużiv tal-istituzzjonijiet kollha u tal-atturi kollha tas-soċjetà Ċentru-Afrikana, inkluż in-nisa, iż-żgħażaġh u s-soċjetà ċivili sabiex jikkontribwixxu għal rikonċiljazzjoni dejjiema fil-pajjiż. L-UE thegġegħ lill-atturi internazzjonali kollha, b'mod partikolari daww impenjati fir-RĊA, biex jipprovdu biss l-appoġġ tagħhom għall-azzjoni tal-Gvern u għall-Inizjattiva Afrikana, f'koordinazzjoni tajba u bi trasparenza sħiħa.
4. L-UE tilqa' l-proċessi mibdija quddiem il-Qorti kriminali ta' Bangui u t-tħaddim gradwali tal-Qorti Kriminali Speċjali u tittama li l-ewwel prosekuzzjonijiet jinbdew malajr. Dan huwa pass importanti fil-ġlieda kontra l-impunità u l-UE ser tkompli tappoġġa din l-inizjattiva. B'mod parallel, huwa meħtieġ progress fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-ġustizzja transizzjonali, permezz tat-twaqqif tal-Kummissjoni tal-Verità, il-Ġustizzja, ir-Rikonċiljazzjoni u l-Indennizz, li għandha tkun marbuta mal-proċess ta' paċi biex tiġi żgurata r-rikonċiljazzjoni. L-UE tappella wkoll għall-involviment bis-sħiħ tal-popolazzjonijiet ċivili fl-isforzi għall-paċi u r-rikonċiljazzjoni sabiex nirrispondu għall-aspettativi konkreti taċ-Ċentru-Afrikani.

5. L-UE tilqa' l-impenn tal-Missjoni Multidimensjonali Integrata tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Istabilizzazzjoni fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (MINUSCA), b'mod partikolari biex tappoġġa l-awtoritajiet Ċentru-Afrikani fit-tmexxija tal-proċess ta' riforma tas-settur tas-sigurtà u biex tassistihom fl-istabbiliment mill-ġdid tal-awtorità tal-Istat, kif ukoll b'appoġġ għall-ġlieda kontra l-impunità, inkluż permezz tat-tħaddim tal-Qorti Kriminali Speċjali. L-UE tilqa' wkoll ir-rieda tal-Kunsill tas-Sigurtà li jqis l-opportunità li jingħata appoġġ għal skjerament mill-ġdid progressiv u kkontrollat tal-forzi tas-sigurtà. L-UE ttenni l-appoġġ tagħha għall-MINUSCA kif ukoll għat-tisħiħ tagħha; hija tistenna koordinazzjoni mill-qrib mal-attivitajiet tagħha mill-atturi kollha li qed jaħdmu għall-istabilizzazzjoni tar-Repubblika Ċentru-Afrikana.
6. L-UE ser tkompli tikkoordina man-Nazzjonijiet Uniti, l-Unjoni Afrikana u ma' sħab internazzjonali oħra. F'dan ir-rigward, hija lesta tiżviluppa man-Nazzjonijiet Uniti u l-Unjoni Afrikana qafas ta' impenn konġunt fir-Repubblika Ċentru-Afrikana.
7. Fil-qafas tal-approċċ integrat tal-UE fir-RĊA u sabiex jikkontribwixxi għar-riforma tal-Forzi Armati Ċentru-Afrikani (FACA), f'Lulju l-Kunsill approva l-estensjoni tal-mandat tal-EUTM RCA sa Settembru 2020. Il-Kunsill jilqa' s-suċċess miksub fit-taħriġ mill-EUTM tat-tielet battaljun tal-FACA kif ukoll l-importanza tal-ħidma li saret mill-UE b'appoġġ tal-FACA. Huwa jenfasizza r-rwol ta' tmexxija tal-EUTM fit-taħriġ tal-FACA u l-ħtieġa li din il-missjoni tkun tista' taħdem mal-FACA mingħajr xkiel sabiex timplimenta l-mandat tagħha. Fl-aħħar nett, huwa jfakkar fl-importanza tal-azzjoni tal-EUTM biex tiffaċilita l-iskjerament mill-ġdid tal-FACA u l-implimentazzjoni tal-pjan nazzjonali tad-difiża f'Bouar. Din hija kwistjoni ta' prijorità li għandha tiġi implimentata mill-aktar fis possibbli, filwaqt li titqies is-sitwazzjoni tas-sigurtà fil-livell lokali.

8. Il-Kunsill jissottolinja li s-sitwazzjoni tas-sigurtà, inkluż it-theddid ibridu, tikkonferma l-ħtieġa li jissaħħu l-FACA u jilqa' b'mod favorevoli t-talba tal-awtoritajiet Ċentru-Afrikani lill-UE biex jiksibu assistenza supplementari favur il-Forzi tas-Sigurtà Interna Ċentru-Afrikani. Huwa jagħraf l-importanza ta' rispons permezz ta' impenn ċivili skont il-livell tal-isfidi. Jistieden lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna biex isegwi l-ħidma tiegħu ta' ppjanar operazzjonali, bil-ħsieb li jippermetti t-tqegħid fis-seħħ u l-iskjerament l-aktar rapidu possibbli ta' pilastru interoperabbli ddedikat fi ħdan l-EUTM RCA li jkun inkarigat mill-azzjonijiet tal-kunsill strateġiku f'dan il-qasam. Madankollu, il-Kunsill jagħraf l-utilità, li għet issottolinjata wkoll mir-reviżjoni strateġika tal-EUTM RCA, li ssir ir-riflessjoni fuq l-opportunità li jissaħħu l-azzjonijiet tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-Forzi tas-Sigurtà Interni permezz ta' azzjoni ddedikata tal-PSDK ċivili. Il-Kunsill ser jerġa' lura għal dan is-suġġett fis-sajf tal-2019, abbażi tal-proposti tas-SEAE filwaqt li jikkunsidra l-ewwel riżultati tal-pilastru interoperabbli u fil-qafas tar-reviżjoni strateġika tal-EUTM RCA. Il-Kunsill jilqa' t-tnedija ta' proġetti mill-UE ta' tisħiħ tal-forzi Ċentru-Afrikani fil-qafas tal-inizjattiva Ewropea favur it-tisħiħ tal-Kapaċitajiet b'appoġġ għas-Sigurtà u għall-Iżvilupp (CBSD); jeħtieġ li jinstabu soluzzjonijiet ta' finanzjament addizzjonali, biex ikopru ċerti ħtiġijiet fir-rigward ta' tagħmir u ta' infrastrutturi li ser jirriżultaw mit-taħriġ mogħti. Fl-aħħar nett, il-Kunsill jirriafferma l-importanza tal-koordinazzjoni mal-komunità internazzjonali, partikolarment il-MINUSCA fil-livell tal-proċess ta' riforma tas-settur tas-sigurtà sabiex tiġi żgurata l-komplementarjetà, ta' kull azzjoni li tikkonċerna l-appoġġ lill-Forzi tas-Sigurtà Ċentru-Afrikani.

9. L-UE tibqa' mħassba dwar is-sitwazzjoni umanitarja fir-RĊA, b'mod partikolari għall-popolazzjonijiet spostati jew iżolati, in-nisa u t-tfal, li jibqgħu l-ewwel vittmi tal-kriżi u li jsofru min-nuqqas ta' sigurtà u l-vjolenza. L-UE tissottolinja l-ħtieġa li l-komunità internazzjonali timmobilizza b'rispons għall-emerġenza umanitarja u tfakkar fl-impenn kontinwu tagħha u l-isforz umanitarju newtrali u imparzjali tagħha. Hija tappella lill-partijiet kollha biex jiggarrantixxu lill-organizzazzjonijiet umanitarji u l-persunal tagħhom aċċess sikur, f'waqt u bla xkiel għaż-żoni kollha, b'rispett sħiħ tal-prinċipji gwida tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-għajjnuna umanitarja u d-dritt umanitarju internazzjonali, sabiex dawn ikunu jistgħu jwasslu l-għajjnuna umanitarja lill-popolazzjonijiet l-aktar vulnerabbli. L-UE tappella għar-rispett sħiħ tad-Drittijiet tal-Bniedem, u tappella lill-gvern Ċentru-Afrikan biex jikkundanna sistematikament l-attakki kontra l-ħaddiema umanitarji.

L-UE tissottolinja wkoll l-importanza li r-refuġjati Ċentru-Afrikani fil-pajjiżi ġirien jingħataw għajjnuna adegwata adattata għall-ispostament fit-tul tagħhom, kif ukoll appoġġ lill-komunitajiet ospitanti li jilqgħuhom.

10. L-UE tfakkar fl-impenn kontinwu tagħha mill-bidu tal-kriżi, u permezz tal-fondi Bêkou, fit-tisħiħ tar-reżiljenza tal-popolazzjonijiet u tal-Istat Ċentru-Afrikan, b'applikazzjoni sħiħa tal-approċċ li jgħaqqad l-irkupru u l-iżvilupp (LRRD) u tar-rabta bejn l-għajjnuna umanitarja u l-iżvilupp. Il-Kunsill jilqa' b'sodisfazzjon il-progress li kien possibbli permezz tal-fondi ta' Bêkou għar-rikostruzzjoni tar-RĊA u appella biex issir riflessjoni fuq il-futur tagħha.

11. L-UE tappella għal appoġġ ulterjuri mill-komunità internazzjonali, inkluż favur l-aktar popolazzjonijiet vulnerabbli, b'mod partikolari bl-għan li tissaħħaħ il-kapaċità tagħhom ta' reżiljenza u jerġgħu jibdew malajr il-proġetti ta' żvilupp li minnhom jiddependi l-ġejjieni tal-pajjiż, inkluż proġetti b'impatt rapidu. F'dan ir-rigward, l-appoġġ għall-mobilizzazzjoni ta' riżorsi fiskali proprji mir-Repubblika Ċentru-Afrikana u t-tkomplija tal-appoġġ baġitarju kemm internazzjonali kif ukoll Ewropew jibqgħu indispensabbli għall-iżvilupp tal-pajjiż. L-UE tibqa' impenjata bis-siġh fir-Repubblika Ċentru-Afrikana b'pakkett ta' EUR 487 miljun previst għall-perijodu 2017-2020.
-